# Ir-restawr tal-Vara Titulari

*Conrad D' Amato*

Is-sena l-oħra ktibt artiklu dwar ir-restawr u l-induratura mill-ġdid tal-pedestall tal-vara titulari li kien se jibda minn wara l-festa. Għaddiet sena u f'dan l-artiklu se nagħti rendikont ta' kif mexa x-xogħol sabiex fil-festa ta' din is-sena ser naraw il-pedestall lura fostna mill-ġdid.

Hekk kif għaddiet il-festa mill-ewwel bdew il-preparamenti sabiex il-pedestall jittieħed għand l-induratur John Orlando. Għalhekk nhar il-Ħamis 13 ta' Awwissu 2015, grupp ta' voluntierà ħadu ħsieb sabiex il-pedestall ġie żarmat minn taħt il-vara. Kienet biċċa xogħol delikata għall-aħħar kemm minħabba t-toqol tal-vara, kif ukoll minħabba l-fatt li kellhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex ma ssirx ħsara fuq il-vara. Hekk kif wasal għand l-induratur, dan minnufih beda jqaxxar l-induratura l-antika sabiex il-pedestall reġa' nġieb fuq l-injam. Hekk kif inkixef l-injam ġie stabbilit li l-pedestall hu kollu maħdum mill-injam tat-tip *pinus cembra*. Ġie deċiż li l-ġibs tal-uċuħ tal-anġli li jinsabu f'kull faċċata ma jintmessux sabiex b'hekk ikkonservajna l-arti li ħareġ l-iskultur li ħadmu. Sfortuntament minħabba l-istat li kien fih ma stajna nikkonservaw xejn iktar u għalhekk il-kumplament tal-pedestall kellu jiġi mnaddaf minn kollox sabiex jingħata l-ġibs kompletament mill-ġdid.

Sal-bidu ta' Diċembru l-pedestall kien kollu fuq l-injam, għalhekk inġieb lura f'Birżebbuġa fejn hemm sar xogħol ta' nfurzar f'waħda mit-traversi ta' ġewwa li kienet maqsuma u ma setgħetx tinbidel. Wara li tlesta dan ix-xogħol, il-pedestall tpoġġa għall-wiri fil-knisja parrokjali għal żmien l-ewwel tas-sena fejn il-parruċċani setgħu jaraw ix-xogħol fejn kien wasal. Imbagħad nhar is-Sibt 3 ta' Jannar 2016 il-pedestall ittieħed għall-iffumugar. Hawn il-pedestall tpoġġa ġo *chamber* għal madwar ġimgħa fejn tul dan il-perjodu ngħata trattament sabiex jiġi meqrud kull tip ta' mard li seta` kellu l-injam. Dan it-trattament ingħata kollu mingħajr ħlas. Għalhekk grazzi kbira tmur lil Ramon Camilleri tal-inizjattiva u l-interess tiegħu f'dan il-proġett. Wara l-pedestall reġa' ittieħed għand l-induratur sabiex beda l-proċess tal-ġibs. Hawn ta' min jinnota li l-isfond tal-gwarniċun tal-faċċata ta' quddiem (fejn hemm l-arma ta' San Pietru) kellu diversi dettalji li ma kinux jinsabu fit-tliet faċċati l-oħra. Din hi xi ħaġa komuni f'vari maħduma barra minn Malta. Infatti meta fl-1974 ġiet indurata l-vara, il-mantell ta' wara kien ġie skolpit fid-detall minħabba li kien wisq sempliċi meta kkumparat mal-istil barokk tal-vara. Għalhekk din id-darba wkoll ħassejna li kellna nimxu fuq dak li għamlu ta' qabilna u t-tliet faċċati l-oħra tal-pedestall ġew irfinuti u skolpiti sabiex b'hekk ġew pariġġ il-faċċata ta' quddiem.

Hekk kif tlesta x-xogħol tal-irfinar tat-trattizzi, ingħata t-tafal u f'Ġunju beda l-proċess tat-tqegħid tad-deheb, xogħol delikat u ta' paċenzja kbira minħabba l-fatt li l-iskultura kollha ta' dan il-pedestall ma tinqalax. Sal-festa dan il-pedestall se jkun lest u se jitqiegħed f'postu fil-ħin sabiex jiġi inawgurat f'jum il-ħruġ tal-vara min-niċċa, nhar it-Tnejn l-1 ta' Awwissu.

Sakemm kien qed isir dan ix-xogħol, bdejna nistudjaw l-alternattivi kollha possibli sabiex il-vara tkun etikament irrestawrata kif jixraq sabiex tiġi tikkumplimenta mal-pedestall. Inġiebu diversi artisti u esperti tar-restawr sabiex jaraw il-vara u jagħtu l-opinjoni u l-istimi tagħhom għad-diversi alternattivi ta' restawr possibli. Ġie deċiż li l-vara tkun imnaddfa u ndurata fejn meħtieġ sabiex b'hekk id-dehra tal-vara tibqa' kif inhi, filwaqt li l-ispiża tkun waħda fil-parametri ta' dak li tiflaħ il-parroċċa tagħna.

Nhar l-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2016 sar ir-rikors sabiex isir ir-restawr fuq il-vara, liema restawr se jsir mill-artist Aaron Camilleri Cauchi mgħejjun minn missieru Alfred. Sadanittant jeħtieġ li jsir xi xogħol fin-niċċa sabiex b'hekk niżguraw li l-vara ma ssirilix ħsara matul is-sena. Tpoġġa strument li jkejjel l-umdità fejn wara sena nkunu nistgħu nanalizzaw ir-riżultati u niżguraw li ma jkunx hemm varjazzjoni drastika mmedjata li tagħmel ħsara lill-induratura.
Il-ġbir għall-pedestall miexi ġmielu u sa meta qed jinkiteb dan l-artiklu għad fadal madwar € 3,000 x'jinġabru sabiex il-pedestall ikun kopert. Fiduċjużi li sal-festa dawn jinġabru sabiex b'hekk inkomplu naħdmu ħalli tinġabar is-somma meħtieġa għall-vara li se tlaħħaq għal madwar € 10,000.

Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lill-benefatturi kollha li taw sehemhom sabiex wasalna sa hawn. Isimhom żgur li se jibqa' tifkira sabiħa tas-sehem tagħhom, liema tifkira se tinżamm fl-arkivju parrokkjali għal finijiet ta' storja. Għad fadal ħafna dilettanti tal-festa li għadhom ma tawx sehemhom. Nittamaw li isimhom jidħol fl-istorja wkoll. Mhux importanti kemm tagħti, imma li jgħodd hu s-sehem ta' kulħadd sabiex b'hekk il-parroċċa tagħmel kuraġġ għal proġetti oħra fil-futur. Nirringrazzjaw lil diversi voluntiera li taw sehemhom fl-ikliet li saru b'risq dan il-proġett. Grazzi wkoll lill-Kummissjoni Arti Sagra fi ħdan il-Kurja tal-koperazzjoni tagħhom, lis-Sur Peter Camilleri (il-Pajju) talli dejjem kien pront sabiex ġarr il-pedestall bit-trakk, lil Jurgen Camilleri (il-Baksi) tal-entużjażmu u l-għajnuna fil-ġbir tad-donazzjonijiet, kif ukoll lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom b'diversi modi. Infakkru li kull min jixtieq jagħti xi donazzjoni jista' javviċina lill-Kappillan, lil Jurgen Camilleri jew lili u jingħata riċevuta. Importanti li navżaw li mhux isir ġbir mid-djar għal dan il-għan. Minn żmien għal żmien il-paġna fuq is-sit elettroniku ta' *facebook* bl-isem "*Birżebbuġa Tirrestawra l-vara titulari*" ġiet aġġornata sabiex il-parruċċani u nies oħra setgħu jaraw l-iżvilupp tax-xogħol. Inħeġġu lil min qed jaqra biex ifittex din il-paġna sabiex tkunu iktar aġġornati. Hu importanti li dan ir-restawr iservi kemm jista` jkun fit-tul. Dan kollu jiddependi minna lkoll li nibżgħu għall-vara billi ma nitfgħux karti fuqha u naċċertaw ruħna li ma jaqax fdal tal-logħob tan-nar fuqha, li minnu nnifsu hu kimika qerrieda għall-induratura.

Dak li ħafna parruċċani ħolmu fil-passat riċenti, issa qed iseħħ realtà u din is-sena ser naraw il-pedestall lura fostna isbaħ minn qatt qabel. Wara nittamaw li l-vara tiġi rrestawrata kif meħtieġ sabiex b'hekk nerġgħu narawha fil-glorja artistika tagħha. B'hekk dak li ħadmu għalih b'tant sagrifiċċji missirijietna nkunu ħadna ħsiebu sabiex niżguraw li jibqa' jiġi gawdut mill-ġenerazzjonijiet futuri. Għalhekk nistiednu sabiex kull min għandu għal qalbu l-festa u l-parroċċa jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu. Bil-ftit mingħand kulħadd proġett bħal dan li bħalu ilna s-snin ma naraw f'raħalna, jkun possibli. Aħna qed nafdaw fil-qalb ġeneruża tal-parruċċani tagħna. Għalhekk grazzi mill-qalb.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.


